PDF Compressor Pro



# Restawr tal-Kampnar tas-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja

minn Charles Spiteri - Għawdex

Dawn l-aħħar ġranet, hekk kif wieħed jkun tiela' min-naħa ta' Marsalforn lejn ir-Rabat, faċilment ikun jista' josserva li l-kampnar tas-Santwarju tal-Patrijiet Kapuċċini hu nieqes. Dan għaliex il-kampnar kellu jinħatt biex jiġi restawrat. Ħafna mill-kantuni ta' dan il-kampnar kienu ttieklu biż-żmien u ħafna oħrajn saħansitra kienu xpakkaw minħabba l-effett ta' ħafna snin li għaddew minn fuqhom esposti il-ħin kollu għal kull xorta ta' temp. Dan l-aħħar, din l-istruttura kienet waslet fi stat li setgħet taqa' minn ħin għall-ieħor u għalhekk kienet qed toħloq periklu kontinwu għal dawk kollha li jiffrekwentaw dan il-post qaddis.

F'dawn iċ-ċirkostanzi, il-Gwardjan preżenti Patri Karm Dimech OFM.Cap., ħaseb biex japplika għall-permessi meħtieġa mill-Awtorità ta' l-Ippjanar. Għal dan ix-xogħol tqabbad il-Perit Emanuel Vella li ħejja l-applikazzjoni u l-pjanti kollha. Il-Perit Ivana Farrugia ħejjiet ir-rapport (*Conditions Report & Method Statement*) dwar l-istat li kien jinsab fih il-kampnar kif ukoll indikat liema metodu għandu jintuża fil-bini mill-ġdid ta' dan il-kampnar. Il-permess mill-*MEPA* ħareġ u għalhekk ix-xogħol ta' restawr seta' jinbeda bla telf ta' żmien.

Hawnhekk ta' min isemmi nnota bi sfond storiku li l-Perit Farrugia inkludiet fir-rapport tagħha. "Kif kien dokumentat fl-istorja t'Għawdex ta' Agius De Soldanis ***"Il Gozo Antico-Moderno e Sacro Profano"***, ftit wara li l-Patrijiet Kapuċċini waslu Għawdex fl-1736, huma minnufih bdew jibnu l-Kunvent eżistenti u l-Knisja li tmiss miegħu. Dawn bnewhom fuq art mogħtija lilhom mill-Gran Mastru Manoel De Vilhena. Il-bini kollu, li nbena fuq il-pjanti ta' Fra Giuseppe Grech, ħa madwar ħmistax-il sena biex jitlesta. Ta' min jgħid li dan Fra Giuseppe kien ajk Kapuċċin li kien ħejja wkoll il-pjanti tal-Knisja u l-Kunvent ta' Santa Liberata fil-Kalkara."

Il-Perit Farrugia tkompli tikteb li "il-kampnar oriġinali kien twaqqa' fis-sena 1972 u minfloku nbena dak li kien hemm sa ftit ġranet ilu. Dan kien ikkonfermat mill-Perit Joseph Dimech li dak iż-żmien kien inkarigat mix-xogħlijiet kollha. Għalkemm dik il-ħabta l-kampnar kien inbena bħala replika ta' dak oriġinali kemm fid-daqs, forma u dettalji dekorattivi, il-metodu li kien intuża kien sostanzjalment differenti minn dak li kien intuża oriġinarjament. Dan għaliex fl-1972 kien intuża l-konkos imsaħħaħ bil-ħadid."

Fl-apprezzament arkitettoniku tal-kampnar, il-Perit Farrugia kitbet li dan "kien wieqaf b'tali mod li l-faċċata tiegħu kienet tħares lejn nofs inhar (*South*) u għalhekk kienet tinsab f'angolu ta' 90 grad minn mal-faċċata tal-Knisja. Minħabba f'hekk, din il-faċċata ma setgħetx tidher minn fuq iz-zuntier imma mit-toroq li kienu jwasslu għall-kunvent, partikularment mit-triq meta wieħed ikun nieżel mir-Rabat lejn Marsalforn.

It-trattament arkitettoniku tal-kampnar kien jimxi fedelment ma' l-istil arkitettoniku klassiku li kien użat fil-faċċata tal-knisja, u għalhekk, l-istess bħall-faċċata, il-kampnar ukoll jirrifletti sempliċità imponenti, b'linji dritti u ftit li xejn skultura, stil li jikkaratterizza kull bini ta' l-Ordnijiet tal-Patrijiet Mendikanti."

Fir-rapport tagħha, il-Perit Farrugia tirrakkomanda li għandu jkun hemm attenzjoni kbira hu u jinħatt il-kampnar biex jiddokumentaw kollox u l-kantuni kollha jkunu numerati, biex hekk jiġi żgurat, li meta l-kampnar jerġa' jinbena mill-ġdid, tiġi rispettata totalment il-forma oriġinali. Hija tat parir ukoll, li filwaqt li jinbidlu dawk il-kantuni xpakkati, miksura jew mikulin, kantuni oħra li għadhom sħaħ għandhom jitpoġġew f'post oriġinali tagħhom meta jerġa' jinbena l-kampnar mill-ġdid. Il-Perit insistiet li m'għandux jintuża konkos u kollox isir kif kien inbena fl-imgħoddi.

Ix-xogħol kollu ta' restawr qed isir minn Wigi Vella flimkien mat-tifel tiegħu Mark. Mill-istima li saret fuq kemm se jiġi jiswa dan il-proġett, kollox juri li sa tkun spiża konsiderevoli u għalhekk il-Patrijiet Kapuċċini żgur japprezzaw donazzjonijiet mingħand qlub ġenerużi li jixtiequ jgħinu biex dan il-proġett jiġi fi tmiemu fi żmien qasir.

Għal dan il-għan, infetaħ il-Kont Bankarju ta' l-**HSBC "Franciscan Capuchins"** bin-numru tal-Kont **A/C Kampnar 071-087621050** biex dawk il-benefatturi li jixtiequ joffru donazzjonijiet, ikunu jistgħu faċilment jagħmlu dan u hekk huma wkoll jkunu jgħinu biex dan is-Santwarju għażiż għalina l-Għawdxin, jinżamm fi stat li jixraq tassew lid-Dar t'Alla.



Ir-restawr tal-kampnar tas-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja

PROFESSIONAL FREIGHT SERVICES PTY. LTD.
PFS
**Melbourne: (03) 9335 2499**
Unit 6, 4-6 Commercial Crt, Tullamarine, Vic., Australia, 3043
**Sydney: 1300 360 703**
42 Lisbon Street, Fairfield, NSW., Australia, 2165
sales@pfs.net.au www.pfs.net.au
» CONTAINERS TO MALTA



» OR BOXES TO MALTA BY SEA FREIGHT
- NO WEIGHT LIMIT
2 Cartons A$150
3 Cartons A$180
A$40.00 40 x 30 x 25cm
A$70.00 40 x 30 x 45cm
A$100.00 42 x 44 x 60cm
*Prices quoted are from receival at our depot to arrival port Malta*
*An export document fee applies*
NITKELLMU BIL-MALTI CEMPLU LIL ***HERBERT PORTANIER***
AIRFREIGHT SERVICES ALSO AVAILABLE

## Ħaġa Moħġaġa (203)

Din taqdik l-istess bħall-borma
Jekk int tħobb l-ekonomija,
M'hemmx wisq x'tagħżel minn bejniethom
Ħlief daqs u fisjonomija.

**Tweġiba tal-ġimgħa l-oħra: Is-Sinsla**

## L-OPINJONI TAGĦKOM

Il-korrispondenza li tidher f'din il-paġna ta' L-OPINJONI TAGĦKOM mhux neċessarjament hi l-opinjoni ta' l-Editur.

### The Three Magi!!!

Narellan, NSW

Dear Sir,

Your Western Australia representative Paul Calleja must have fallen in love with what he referred to as The Three Magis (TMH 25th November, Who dares Wins AMCC...) I sort of place him in the same category as Romeo who had foolishly sacrificed all to be with his beloved Juliet. The so called "Three Magi deserved some praised but surely not such words as creative and proactive as expressed by your correspondent.

Thou I am not a member of the Maltese Australian Chamber of Commerce it feels rather offensive of Mr Syd Borg to refer to previous Chamber's members as being of lesser qualities when he stated that now they (The 3 Magi) "are attracting members of a dramatic increase in quality." Surely this means that previous members according to Mr Syd Borg were of an inferior quality.

Finally I find it absurd of Mr Syd Borg assuring Mr Tony Zammit that he will remove the current difficulties associated with the importation of the Cisk Beer and other Maltese products to Australia. I don't know about difficulties in importing other products but may be Mr Borg can elaborate on the difficulties being faced by Cisk Beer. In the corporate world if you are able and comfortable in paying the right price for any product, there should not be any difficulties as the producer would surely do his utmost to reach every available market.

**M. DESIRA**

### You are right

Garran ACT

Dear Sir,

I read in The Maltese Herald the letter by Augustine Borg. How right you are, I am sure that the majority of migrants agree with you. At 90 I look back when I or one of my friends, used to buy a pennyworth of peanuts and then sat eating them on a bench outside the beautiful Chalet in Sliema. They were happy times, and Ħobż tal-Birra with oil and rubbed with tomatoes was a repast that we all cherished..

It is 68 years since I was posted out to Egypt and I have never returned there since.

**LORETO YORK**



*Marsaxlokk - Malta*

### Il-blata li tafni tarbija

Xejn, daqs kisret is-skiet,
ma jimlini bil-ferħ,
iktar mir-riħ iħaxwex,
qalb siġar wenniesa;

u l-buffura ħelwa,
b'irtuba mellisija
fuq ħaddejja tbusni,
u ttaffi tas-sħanat it-telqa.

Xejn, daqs il-buffura mielsa,
ma jimlili ħajti –
fis-solitudni battâla.

Il-qrusa ta' xenqa dejjiema;
- xenqa bla qatt taqta' –
li nerġa' nxomm,
tal-kappara, tat-tina, tal-baħar,
l-aroma,
minn bennet tfuliti,
lilha nistgħall.

Ja bfafwar, li bla tidhru,
ħajjiet ġodda tonfħu
fl-erwieħ imtarrfa;
'il bogħod 'il bogħod twasslu,
ftit sabar, ftit hena, ftit fakra,
ta' jiem tfulija -
mixħut fuq blata
li tafni tarbija.

**RODRIGU BOVINGDON**



*Josephine Zammit Cordina*

## Waltzing Matilda fuq TVM il-Ħamis 18 ta' Diċembru fil-5.10pm

F'din l-edizzjoni:

** Ir-residenti ta' *Rosary Home*, id-dar għall-anzjani f'Keilor Downs, Victoria immexxija mis-sorijiet Dumnikani Maltin, huma l-protagonisti f'pageant tal-Milied;

** Mis-South Australia John Mangion u martu Doris waqt btala f'Malta;

** Minkejja d-diżabilità tiegħu, l-ibburdjar huwa l-għaxqa ta' Victor Saragozza ta' Toongabie fi NSW u huwa ukoll il-*commodore* ta' għaqda tas-*sailability*.

** Il-*Malta Rugby League* u l-ħatra ta' Anthony Micallef bħala *Malta Development Officer*; Kate Debattista finalista fil-*Miss Malta Knight* tas-sena l-oħra.

Din hi produzzjoni u preżentazzjoni ta' Josephine Zammit Cordina.

**Waltzing Maltida tistgħu tarawh minn fuq il-websajt: www.di-ve.com**

PDF Compressor Pro





Wara l-iffirmar. Is-Sindki Għawdxin flimkien mas-Segretarju Parlamentari l-Avukat Chris Said u l-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono.

# Il-Kunsilli jiffirmaw l-Aalborg Charter

L-erbatax-il Kunsill Lokali li hawn f'Għawdex iffirmaw l-*Aalborg Charter* fejn ikkommettew ruħhom li jippjanaw flimkien il-prijoritajiet tagħhom fuq ir-riżorsi, il-kapaċitajiet u l-aspirazzjonijiet li l-lokalitajiet tagħhom joffru.

Is-suċċess ta' dan iċ-*Charter* huwa bbażat fuq miri li jistgħu jintlaħqu b'*timeframes* speċifiċi u bi strateġiji lokali sabiex il-kunċett ta' żvilupp sostenibbli li fih jinkorpora l-prinċipji tas-sussidjarjetà u s-solidarjetà jitwettqu.

Permezz ta' din ir-rattifika min-naħa tal-Kunsilli Lokali, huma qegħdin jaqblu li flimkien jippromwovu l-lokalitajiet sostenibbli, u m'għandhomx jinvolvu ruħhom biss fit-tisbiħ tal-lokalità tagħhom jew f'aspetti ta' xogħol infrastrutturali, tindif u xogħol strutturali biss, imma għandhom ukoll jinkorporaw fihom il-kunċett soċjali u ambjentali u anke l-valuri lokali, użanzi u tradizzjonijiet li jiffurmaw l-identità' lokali tagħhom.

Fost dawk preżenti kien hemm ukoll is-Segretarju Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni, li hu responsabbli ukoll mill-Kunsilli Lokali, l-Avukat Chris Said u l-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono.

# Żagħżugħ mill-Birgu maħtur bħala "Iż-Żagħżugħ tas-Sena 2008"

"F'soċjetà fejn il-valuri intrinsiċi bħar-rispett, il-karità u s-solidarjetà qegħdin jitwarrbu a vantaġġ tal-egoiżmu u l-ġid materjali, iż-żgħażagħ impenjati f'attivitajiet filantropiċi huma t-tama għall-futur. Huma ta' eżempju mhux biss għal sħabhom imma ukoll għal dawk akbar minnhom"

Dan huwa parti mid-diskors li bih in-Nutar Dr. Enzo Refalo, President tal- Kumitat ta' l-Għażla ħabbar ir-rebbieħ ta' din is-sena, Arthur Demarco mill-Birgu. *Rikonoxximent liż-Żgħazagħ imniedi u mtella' mill-Fondazzjoni OASI.*

Demarco ġie nnominat għal dan il-premju mis-Sindku tal-Birgu John Boxall għax-xogħol voluntarju tiegħu fil-komunità.

Fl-assenza ta' L-E.T. Dr. Edward Fenech Adami li taħt l-patroċinju tiegħu kien organizzat dan l-avveniment u li minħabba l-kundizzjonijiet tal-baħar imqalleb bejn il-gżejjer ma setax ikun preżenti, dan ir-rikonoxximent ingħata mill-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono.

Ta' min jgħid li dan l-avvenimemt huwa differenti minn premijiet simili, għaliex fih ma jintagħżilx rebbieħ jew rebbieħa, iżda dawk kollha nominati jiġu onorati u rikonoxxuti, għad li fl-aħħarnett jintagħżel minn fosthom xi ħadd biex ikun l-ambaxxatur jew ambaxxatriċi taż-żgħażagħ kollha quddiem is-soċjetà għal sena sħiħa.

Fl-edizzjoni ta' din is-sena li kienet s-sittax-il waħda, fis-serata finali li saret nhar is-Sibt 22 ta' Novembru filgħaxija fil-Lukanda Kempinksi, f'San Lawrenz, kien hemm disa' nominazzjoniet minn diversi organizzazzjonijiet madwar Malta u Għawdex. Kif titlob it-tradizzjoni ta' din iċ-ċerimonja, Dun Manwel Cordina, Direttur Ġenerali tal-Fondazzjoni OASI, mgħejjun minn Melvin Attard, iż-Żagħżugħ tas-Sena ta' l-aħħar edizzjoni li għaddiet, ippreżenta lil kull nominat u nominata ċertifikat u trofew ta' rikonoxximent, bħala apprezzament u tifkira.

F'indirizz qasir, iżda sinjifikattiv ħafna, id-Direttur Ġenerali tal-Fondazzjoni Dun Manwel Cordina, tkellem dwar l-importanza li tingħata lill-ġenerazzjoni żagħżugħa il-mertu tal-ġid li jagħmlu ħalli huma jrawmu fihom infushom sens ta' aċċettazzjoni u b'hekk ikollhom stima għolja tagħhom infushom. Tkellem ukoll dwar il-ħsara li ġġib magħha bidla fiż-żgħażagħ mingħajr riċerka adegwata dwar dak li vera għandhom bżonn għaż-żvilupp personali tagħhom.



*Arthur Demarco ngħata personalment is-shield ta'* **"Iż-Żagħżugħ/a tas-Sena 2008"** *minn idejn il-Ministru għall-Għawdex, Giovanna Debono. Dun Manwel Cordina, Direttur tal-OASI jidher fuq il-lemin.*



*Uħud miż-żgħażagħ nominati għall-premju "Iż-Żagħżugħ/a tas-Sena 2008" Mix-xellug jidhru: Dun Manwel Cordina, Clint Micallef, Joanna Grech, Victoria Sultana,* Arthur Demarco, Saviour Deguara, Franklin Farrugia u Daniel Grech.

## AĦBARIJIET MINN GĦAWDEX ma' Charles Spiteri







*Il-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono tqiegħed bukkett fjuri mal-Monument ta' Tifkira, fiż-Żewwieqa, l-Mġarr.*

# Imfakkar is-60 anniversarju ta' waħda mill-agħar traġedji tal-baħar li seħħew qrib Għawdex

Nhar il-Ħadd 2 ta' Novembru, fl-10.00 ta' filgħodu, ġie mfakkar is-sittin anniversarju ta' waħda mill-agħar traġedji tal-baħar li seħħew qrib Għawdex u li wasslet biex 23 persuna tilfu ħajjithom waqt li kienu qed jaqsmu bejn Malta u Għawdex fit-30 ta' Ottubru 1948.

Din it-traġedja ġiet imfakkra b'ċerimonja kommemorattiva li saret ħdejn il-monument li jfakkar din il-ġrajja fl-inħawi taż-Żewwieqa fl-Mġarr Għawdex.

Din id-diżgrazzja, li hija l-ikbar traġedja ta' Għawdex wara t-Tieni Gwerra Dinjija, ġrat meta luzzu mgħobbi bil-passiġġieri, fosthom żewġ pulizija u mara, flimkien ma' żewġ membri ta' l-ekwipaġġ, kienu telqu mill-Marfa għal Għawdex minkejja l-maltemp u l-baħar qawwi. Minn dak it-traġitt, li ntemm ħesrem qrib il-Bajja ta' Ħondoq ir-Rummien wara li l-luzzu nqaleb bil-mewġ qawwi, kienu biss erba' passiġġieri li rnexxielhom isalvaw billi għamu sal-kosta, fosthom Paul Zammit, li kien wieħed minn dawk li attendew għaċ-ċerimonja kommemorattiva.

Iċ-ċerimonja, li kienet ippreseduta minn Giovanna Debono, Ministru għal Għawdex, bdiet bi tqegħid tal-kuruni mal-monument li hemm fiż-Żewwieqa, l-Mgarr, u ġiet segwita b'quddiesa li ġiet iċċelebrata minn Mons. Pawl Cardona, Arċipriet tal-Parroċċa ta' San Ġorġ, abbord wieħed mill-vapuri tal-Gozo Channel.

Għal din iċ-ċerimonja attendew fost l-oħrajn, l-eks Speaker tal-Kamra tar-Rappreżentanti Anton Tabone, is-Segretarju Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u l-Informazzjoni l-Avukat Chris Said, iċ-*Chairman* tat-Kumitat Festi Nazzjonali, Vincent Grech flimkien ma' wħud mill-familjari tal-vittmi, li lkoll tefgħu l-fjuri fil-baħar fil-post fejn seħħet it-traġedja, bħala sinjal ta' rispett.



*Waqt it-tfigħ tal-fjuri fil-baħar fil-post fejn saret it-traġedja.*


Australian Government
Department of Families, Housing, Community Services and Indigenous Affairs

## Helping Children with Autism package

EARLY INTERVENTION FUNDING FOR CHILDREN WITH AN AUTISM SPECTRUM DISORDER

Children with Autism Spectrum Disorder (ASD) now have increased access to early intervention services.

If you have a child six years and younger who has been diagnosed with an ASD and hasn't yet started full time school, you may be eligible to access funding of up to $12,000 in early intervention services.

FaHCSIA is establishing a group of Early Intervention Service Providers from which families will be able to choose services that best suit their child.

Families will be able to visit an Autism Advisor through Autism Associations in each state and territory to access service providers from the panel.

Contact your local autism advisor for information on available funding, early intervention and other support services that are available to you.

For contact details visit: **www.fahcsia.gov.au/autism** or contact the Helping Children with Autism Enquiry Line on **1800 289 177** (TTY 1800 260 402)

hmaC092603

www.fahcsia.gov.au

# Il-Manifestazzjoni tal-Festa ta' Kristu Rè f'Għawdex

**Kitba u Ritratti ta' Charles Spiteri**

In-Nunzju Apostoliku għal Malta, l-Eċċ. Tiegħu Mons. Tommaso Caputo flimkien ma' Mons Isqof Mario Grech mexxew iċ-ċelebrazzjoni tal-festa ta' Kristu Rè li din is-sena saret fil-qalba tal-Missjoni Djoċesana li qed tiġi ċċelebrata fid-Djoċesi ta' Għawdex.

Il-programm beda b'purċissjoni Ewkaristika mill-Knisja tal-Ħniena sal-Knisja Rotunda tax-Xewkija, immexxija min-Nunzju Apostoliku għal Malta l-E.T. Mons Tommaso Caputo flimkien ma' Mons Isqof Mario Grech, is-saċerdoti, ir-reliġjużi, il-Fratelli u l-abbatini kollha tad-Djoċesi u l-poplu nisrani.

Mal-wasla fil-knisja Rotunda tax-Xewkija sar programm ta' talb u tifħir lil Alla. Ittellgħet ukoll Mima miż-żgħażagħ tal-Parroċċa ta' San Lawrenz.

Qabel il-barka sagramentali l-Eċċ. Tiegħu n-Nunzju Apostoliku, l-Eċċ. Tiegħu Mons Caputo kif ukoll Mons Isqof Grech għamlu kelmtejn tal-okkażjoni.

Mons. Isqof Grech ikkritika n-nuqqas ta' osservanza tal-Ħadd, Jum il-Mulej. "Il-produttività saret ir-ruħ



In-Nunzju Apostoliku għal Malta, l-Eċċ. Tiegħu Mons. Tommaso Caputo waqt id-diskors li għamel fiċ-ċelebrazzjoni tal-festa ta' Kristu Rè.

tal-ekonomija. Biex l-ekonomija tikber, ridna nkattru l-produttività, anke jekk dan sewa prezz għoli għax ħarbatna ċ-ċiklu tal-alternanza tal-ħin tal-mistrieħ u l-ħin tax-xogħol. Kellna nibdew nużaw il-ħin tal-mistrieħ biex nipproduċu aktar. Illum hawn min huwa konvint li huwa dnub mejjet kontra l-ekonomija jekk il-produzzjoni tieqaf fil-jum tas-Sibt u tal-Ħadd. Fostna hemm min ifittex jieħu vantaġġ biex ikompli bl-attività produttiva tiegħu anke l-Ħadd; hemm ukoll min minħabba s-sistema, ma jistax ma jaħdimx il-Ħadd. Mhux qed nirreferi għal dawk li jaħdmu f'ċerti oqsma, bħalma huma il-qasam tas-saħħa, tal-ordni pubbliku u l-*catering*. Lil dawn ħutna nsellmilhom, għax qed jagħtu servizz meħtieġ. Qed nirreferi għal min tant irid ikollu, li jagħżel li jaħdem, iħaddem u jxennaq biex wieħed jaħdem ukoll il-Ħadd.

"L-istess kultura konsumista timbuttana biex nużaw il-ħin liberu għax-xogħol, ħalli hekk ikollna aktar flus fil-bwiet u nkunu nistgħu nkattru l-konsum. Il-konsum huwa ħidma produttiva oħra, għax aktar ma s-soċjetà tonfoq aktar tiġġenera l-ekonomija. Il-konsumiżmu mhuwiex biss infieq bla rażan, imma huwa ideoloġija – sistema ta' ħsieb u mġiba promossa biex ikollna soċjetà ta' konsumi. Fil-loġika tal-konsum, il-bniedem jagħti importanza lill-oġġetti, u dak li ma jibqax jagħtih gratifikazzjoni jarmih biex jakkwista oġġett ieħor. Il-mentalità tal-akkwist hija ta' detriment fil-bini tal-personalità tal-individwu. Din il-mentalità tiddisponi lill-bniedem biex jibni relazzjonijiet superfiċjali, mhux biss mal-oġġetti imma anke mal-persuni, u hekk huwa ssagrifikat dak ir-rapport profondament personali – partikularment bejn l-istess individwi – li għandu jikkaratterizza l-ħajja umana."Imbagħad anke fost dawk li, għall-grazzja tal-argument, għadhom jistennew il-jum tal-Ħadd, hemm attitudni li dan il-jum iqattgħuh bħala pawsa miż-żmien produttiv biex jirkupraw l-enerġija ħalli jkunu jistgħu jaħdmu aktar. L-istess jum tal-Ħadd qed ngħixuh fi klima ta' xogħol u produzzjoni. Allura l-jum tal-Ħadd qed nużawh bħala ngranaġġ ieħor biex indawru r-rota tal-ekonomija.

F'soċjetà mibnija fuq ix-xogħol u l-qliegħ, il-Ħadd flok ma huwa apprezzat bhala jum ta' festa, fejn il-bniedem jista' jifraħ flimkien ma' oħrajn u jħossu ħieles, beda jitqies bħala żmien moħli u vojt. Il-mistrieħ bdejna nsejħulu evażjoni mill-psewdo-dmir li naħsbu li għandna biex nikkontribwixxu għall-ekonomija tal-pajjiż u tal-Ewropa!

Din ir-rikostruzzjoni żbaljata taż-żmien qed tħalli l-vittmi! Xi drabi mhux biss qed titnaqqar il-kwalità tal-ħajja, imma l-istess ħajja qed tiġi ssagrifikata. Adottajna sistema jew qed jimponulna sistema li, għalkemm qed tipproduċi l-oġġetti, qegħda wkoll tkisser il-bniedem! Jekk effett tas-sistema l-qliegħ żdied, imma ċ-ċiviltà qed tħallas prezz għoli. Għandna persuni psikoloġikament għajjenin u dgħajfin, tant li għalihom il-ħajja ġiet ħafna ridimensjonata. Imbagħad għandna miżżewġin u familji li ma jifilħux iġorru dan il-piż kollu u qed jitfarrku. Huwa fatt li l-indikazzjonijiet li qed nagħtu biex naqraw kollox mil-lenti tal-ekonomija, qed jibagħtu messaġġi li jikkontrastaw mal-ħajja taż-żwieġ u l-familja. Huwa l-każ meta l-miżżewġin, speċjalment dawk li qed irabbu, jingħataw inċentivi biex jinvestu l-enerġija u l-ħin tagħhom fil-magna tal-produzzjoni nazzjonali.

Il-familja, speċjalment fejn hemm l-adolexxenti u ż-żgħażagħ, issib diffikultà biex tgħaddi waqtiet sereni ma' xulxin. Minħabba ċ-ċirkustanzi li qed insemmu, min jista', juża l-Ħadd bħala "żmien tiegħu" aktar milli spazju personali u soċjali.

Ħmistax ilu l-COMECE (il-Kummissjoni tal-Konferenzi tal-Isqfijiet tal-Unjoni Ewropeja) ġibdet l-attenzjoni għal dak li qalu xi membri parlamentari Ewropej dwar l-isfreġju li qed nagħmlu mill-jum tal-Ħadd: "Kumpaniji li jdaħħlu l-ħaddiema għax-xogħol fil-jum tal-Ħadd jirraportaw aktar każijiet ta' mard u assentejiżmu minn kumpaniji li ma jħaddmux il-Ħadd. Is-saħħa tal-ħaddiema tiddependi, fost ħwejjeġ oħra, fuq l-opportunitajiet li jingħatawlhom li jirrikonċiljaw ix-xogħol mal-ħajja tal-familja, li jwaqqfu u jsostnu kuntatti soċjali u billi jkunu jistgħu jissodisfaw il-bżonnijiet spiritwali tagħhom. Il-jum tal-Ħadd, li tradizzjonalment huwa meqjus bħala l-jum ta' mistrieħ matul il-ġimgħa, jgħin biex jintlaħqu dawn l-għanijiet aktar milli kieku l-jum tal-mistrieħ jingħata f'xi ġurnata oħra tal-ġimgħa." Billi fis-16 ta' Diċembru li ġej il-Parlament Ewropew għandu jieħu vot dwar il-jum tal-Ħadd, il-Knisja permezz tal-COMECE theġġeġ lill-membri parlamentari Ewropej biex jagħtu sehemhom ħalli din l-istituzzjoni tagħmel għażla li thares il-jum tal-Ħadd, ikkunsidrat minn ħafna bħala "ġebla tax-xewka" fil-Mudell Soċjali Ewropew.



Mima konnessa mal-festa ta' Kristu Rè, mtella' miż-żgħażagħ ta' San Lawrenz.

F'dan ix-xenarju, kompla Mons. Isqof Grech, fejn il-kriżi tal-jum tal-Ħadd saret il-kriżi tal-bniedem, il-poplu t'Alla għandu kontribut x'joffri lis-soċjetà: il-Ħadd għalina huwa jum ta' festa għax huwa Jum il-Mulej. Sa mill-bidu, l-Insara "fl-ewwel jum tal-ġimgħa kienu jinġabru biex jaqsmu l-ħobż flimkien" (Atti 20,7). Kienu jiltaqgħu l-Ħadd għax kien fil-jum ta' wara s-Sibt li Ġesù Kristu qam millmewt; kien f'dak l-istess jum li, wara li rxoxta, ġie jiltaqa' mal-appostli li kienu mbeżża' u dgħajfin fil-fidi (ara Lq 24; Ġw 20]; kien fil-jum tal-Ħadd li bagħat fuqhom l-Ispirtu s-Santu u hekk tahom garanzija li jibqa' magħhom sal-aħħar taż-żmien. Ma kienitx il-Knisja li għażlet "jum il-Mulej" (Apok 1,10), imma kien Hu, il-Mulej stess li wera biċ-ċar li ried li l-ewwel jum tal-ġimgħa jkun tiegħu u għalih! Kif jgħid is-Salmista: "Dan hu l-jum li għamel il-Mulej, ejjew nifirħu fih" (Salm 118,24). Dan huwa l-jum li fih Ġesù ltaqa' mad-dixxipli ta' Emmaws.



Il-Purċissjoni Ewkaristika ta' Kristu Rè miexja lejn il-Knisja Rotunda.

L-esperjenza ta' Kristu rebbieħ fuq il-mewt issir waqt il-Quddiesa. Proprju għalhekk għalina l-Kattoliċi m'hemmx Ħadd mingħajr quddiesa. Is-sehem tagħna fl-Ewkaristija mhux biss osservanza ta' preċett, imma huwa marbut mal-identità li rridu nħarsu u nixhdu għaliha. Għalina l-jum tal-Ħadd jieħu tifsira biss millparteċipazzjoni tagħna fil-quddiesa. L-isfida li toffri l-Ewkaristija, li hija għotja frott l-imħabba u forġa talkomunjoni, hija l-isfida li għandu quddiemu n-Nisrani u l-Knisja.

Il-fatt li ħafna Nsara ma jieħdux sehem attiv fil-liturġija tal-Quddiesa, kif ukoll il-fatt li numru mhux traskurabbli ta' Nsara għażlu li jgħaddu mingħajr il-quddiesa tal-Ħadd ma jawgurax tajjeb la għall-ħajja ekkleżjali u anqas għall-ħajja ċivili. Pastoralment dan għandu jġegħilna nistħarrġu x'għandna nagħmlu biex f'Jum il-Mulej il-komunità tinġabar ma' mejda waħda biex taqsam il-Kelma u l-Ħobż, u hekk insiru nafu aktar lil Alla u lilna nfusna.



Mons. Isqof Mario Grech waqt id-diskors tiegħu ta' l-okkażjoni

M'hemmx futur għalina jekk ma nirkuprawx Jum il-Mulej! Fis-sena 304 wK f'Abitene, post fit-Tunisija, grupp ta' disgħa u erbgħin Insara għażlu li jieħdu l-mewt flok ma jħallu l-quddiesa tal-Ħadd. Il-Prokonslu staqsa lill-presbiteru Saturnino għaliex ma kienux obdew l-amar tal-Imperatur, li ipprojbilhom jiċċelebraw Jum il-Mulej. Dan wieġbu: "Għaliex ma nistgħux nittraskuraw il-quddiesa tal-Ħadd". Il-Prokonslu dar fuq Emeritu, raġel tal-familja, u staqsih għaliex kien laqa' fid-dar tiegħu lill-Insara biex jiċċelebraw il-quddiesa tal-Ħadd. It-twegiba ta' Emeritu kienet radikali: "Ma stajtx ma nilqagħhomx, għax aħna l-Insara ma nistgħux ngħaddu mingħajr l-Ewkaristija tal-Ħadd". U min kiteb l-Atti ta' dan il-martirju jżid nota: huwa jum il-Ħadd li jagħmel bniedem Nisrani, u huwa n-Nisrani li jagħmel il-jum tal-Ħadd għax il-wieħed ma jeżistix mingħajr l-ieħor. Meta hemm Nisrani, ifisser li hemm komunità li tiċċelebra l-Mulej; u meta tisma li hemm assembleja miġbura, ifisser li hemm ukoll l-Insara".

Illum ma għandniex l-imperatur li jipprojbixxi li niltaqgħu għall-Ewkaristija tal-Ħadd; imma għandna sistema materjalista u konsumista li, jekk inħalluha, tkompli tiddettalna biex il-Ħadd ma nitilfux ħin fil-quddiesa!

Mons. Isqof spiċċa d-diskors tiegħu billi qal illi huwa fatt li m'hemmx jum il-bniedem (*dies hominis*) jekk m'hemmx Jum il-Mulej (*dies Domini*).



Parti mill-mijiet t'Għawdxin li allavolja kien ħafna maltemp, attendew bi ħġarhom għal din il-Manifestazzjoni

